MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 699/2013

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Frederick Joseph GRECH [ID. Nru. 264587M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallsha s-somma ta' elf seba' mija hamsa u sittin euro u hdax-il centezmu ta' euro [€1,765.11] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf seba mija u hamsa u sittin ewro u hdax-il centezmu (€1,765.11) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti mill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF 1.

Illi, minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-konvenut illi huwa, minn issa, ngunt ghas-subizzjoni tieghu".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh fis-6 ta' Dicembru, 2013.

Ra d-dokumenti esebiti mill-intimat u cioe:

i) Dokument datat 11 ta' Dicembru, 2013 intitolat payment agreement bejnu u bejn is-socjeta rikorrenti;

ii) Ricevuta ddatata 11 ta' Dicembru, 2013 fl-ammont ta' mija u hamsin euro (€150)

Ra d-dikjarazzjoni li ghamel l-intimat quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013 fejn huwa kkonferma li ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf sebgha mija u hamsa u sittin ewro u hdax-il centezmi ta' ewro (€1,765.11).

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf seba' mija hamsa u sittin euro u hdax-il centezmu ta' euro

[€1,765.11] rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi u prodotti provduti lis-socjeta rikorrenti mill-istess intimat.

Ikkunsidra;

2. L-intimat illum stess ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa ghandu jaghti s-somma ta’ elf seba’ mija hamsa u sittin euro u hdax-il centezmu ta’ euro [€1,765.11] nieqes l-ammont li huwa hallas fil-11 ta’ Dicembru, 2013 ta’ mija u hamsin euro [€150].

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta’ din l-ammissjoni ta’ l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ elf seba’ mija hamsa u sittin euro u hdax-il centezmu ta’ euro [€1,765.11] nieqes l-ammont li huwa hallas fil-11 ta’ Dicembru, 2013 ta’ mija u hamsin euro [€150] huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha nieqes l-ammont ta’ mija u hamsin euro [€150] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf sitt mija u hmistax-il euro u hdax-il centezmi ta’ euro [€1,615.11] bl-imghaxijiet legali u l-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------